

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Settembru 2014 – CEWE Stiftung vs UASI (SMILECARD)**(Kawża T-484/12) <sup>(1)</sup>

[“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali SMILECARD — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]

(2014/C 395/49)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: CEWE Stiftung & Co. KGaA, li kienet CeWe Color AG & Co. OHG (Oldenburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: U. Sander, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Pohlmann, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tat-3 ta' Settembru 2012 (Każ R 2279/2011-4), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali SMILECARD bħala trade mark Komunitarja.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) CEWE Stiftung & Co. KGaA hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 26, 26.01.2013.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Settembru 2014 – Arnaldo Mondadori Editore vs UASI – Grazia Equity (GRAZIA)**(Kawża T-490/12) <sup>(1)</sup>

[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali GRAZIA — Trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti GRAZIA — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Assenza ta' xebh tal-prodotti — Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009 — Reputazzjoni — Assenza ta' rabta bejn it-trade marks inkwistjoni”]

(2014/C 395/50)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Arnaldo Mondadori Editore SpA (Milano, l-Italja) (rappreżentanti: G. Dragotti, R. Valenti u S. Balice, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Schifko, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Grazia Equity GmbH (Stuttgart, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Müller, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tas-6 ta' Settembru 2012 (Każ R 1958/2010-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Arnaldo Mondadori Editore SpA u Grazia Equity GmbH.

**Dispożittiv**

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Arnaldo Mondadori Editore SpA hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

(<sup>1</sup>) ĠU C 26, 26.01.2013.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Settembru 2014 – Ted-Invest vs UASI – Scandia Down (sensi scandia)**

(Kawża T-516/12) (<sup>1</sup>)

*[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark figurattiva Komunitarja sensi scandia — Trade mark komunitarja preċedenti SCANDIA HOME — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) u l-Artikolu 53(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]*

(2014/C 395/51)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Ted-Invest EOOD (Plovdiv, il-Bulgarija) (rappreżentant: A. Ivanova, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: L. Rampini, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Scandia Down LLC (Weehawken, New Jersey, l-Istati Uniti) (rappreżentant: G. Farrington, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tas-6 ta' Settembru 2012 (Każ R 2247/2011-1), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Scandia Down LLC u Ted Invest EOOD.

**Dispożittiv**

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Ted-Invest EOOD hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

(<sup>1</sup>) ĠU C 32, 2.2.2013.